MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2011

Appell Civili Numru. 55/2009/1

**Victor Gatt, Joseph Gatt,**
**Agnes armla ta' Kaptan Joseph Gabriele,**
**Evelyn armla ta' Dr. Francis Chetcuti,**
**Gemma armla ta' George Vella u Louis Sant Angelo**

**v.**

**Avukat Generali,**
**u Maltapost plc (C22796)**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dawn huma zewg appelli, wiehed ad istanza tal-intimat Avukat Generali u iehor ad istanza tar-rikorrenti Victor Gatt et minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Lulju 2010 kif ukoll appell incidentali mis-socjeta` intimata Maltapost plc.

Il-Qorti tal-ewwel grad iddecidiet ir-rikors billi laqghet l-ewwel talba, cahdet it-tieni u t-tielet talba izda laqghet ir-raba' talba u ordnat lill-intimati sabiex, f'sehem ta' nofs kull wiehed, ihallsu t-total ta' €60,000 lir-rikorrenti bhala kumpens ghal lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom. L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghal terz mir-rikorrenti u zewg terzi mill-intimati in solidum.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* is-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"Il-Qorti:

"Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti li jaqra hekk:

"Illi huma l-proprjetarji tal-fond 18 Railway Avenue li ghandu bieb iehor numru 4 Maitland Street, il-Hamrun u din il-proprjeta' giet rekwizizzjonata mill-Awtorita' tad-Djar bis-sahha ta' Ordni ta' Rekwizizzjoni li harget fl-1958 u minn dakinhar sal-lum, il-fond ma baqghax aktar fil-pussess u kontroll tal-esponenti.

"In segwitu, il-post gie okkupat mid-Dipartiment tal-Posta u ntuza bhala *branch post office* versu l-kera ta' Lm120 fis-sena li sussegwentement, permezz ta' sentenza tal-Bord li jirregola l-Kera fil-11 ta' Mejju 1986 giet awmentata ghal Lm166 fis-sena b'effett mill-1 ta' April 1986.

"Illi permezz ta' Avviz Legali numru 211 tal-1998, il-Gvern ittrasferixxa l-inkwilinat ta' dan il-post lill-Maltapost plc b'effett mill-1 ta' Mejju 1998 u dan it-trasferiment sar ghall-perjodu ta' hmistax-il sena jew ghal dak iz-zmien li l-imsemmija kumpanija jibqa' jkollha licenzja biex tipprovdi s-servizz postali, liema ikun iqsar.

"Illi ghalhekk huwa evidenti mill-premess li l-Gvern ta' Malta m'ghadx ghandu uzu u tgawdija tal-imsemmija proprjeta' tant illi huwa trasferixxa l-inkwilinat tieghu.

"Illi l-fond fuq imsemmi qieghed jintuza ghal skopijiet kummercjali indipendentement mill-istat ta' Malta u hija intrapriza indipendenti (*public company*) u mhux xi korporazzjoni jew korp statali.

"Illi tenut kont il-valur tal-fond mikri, il-kera ta' €386.67 fis-sena hija efimera, anke jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-awment kontemplat bl-Att X tal-2009.

"Illi ghalhekk m'hemm ebda gustifikazzjoni xierqa kif trid il-ligi li l-esponenti jibqghu ipprivati mit-tgawdija tal-possedimenti taghhom u biz-zamma tal-istess proprjeta' qeghdin jigu lezi d-drittijiet fondamentali kostituzzjonali kif sanciti mill-Artikolu 1, Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet Fondamentali tal-Bniedem.

"Talbu l-esponenti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tiddeciedi u tiddikjara:

"Illi z-zamma tal-proprjeta' fuq imsemmija minn Maltapost plc u d-deprivazzjoni tal-esponenti mit-tgawdija tal-istess proprjeta' jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sanciti mill-Artikolu 1 Protokoll 1 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta; u

"Tiddikjara null u bla effett, fejn dan jirrigwarda l-proprjeta' mertu ta' din il-kawza, dak li hemm dispost u fuq citat tal-Avviz Legali 211 tal-1998; u

"Tikkundanna lill-intimati sabiex jghaddu l-pussess battal tal-istess proprjeta' favur ir-rikorrenti fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss; u

"Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu dak il-kumpens xieraq u opportun, liema kumpens ghandu jikkomprendi ukoll danni morali u dan kif hemm dispost fil-Kap. 319.

“Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

“Rat ir-risposta tas-socjeta’ Maltapost plc li in forza taghha eccepiet illi:

“Preliminarjament, l-esponenti m’hijiex il-legittimu kuntradittur stante li hija m’hijiex responsabbli ghar-rekwizizzjoni tal-fond 18, Railway Avenue, li ghandu bieb iehor numru 4, Maitland Street, Hamrun u ma tistax ghalhekk titqies responsabbli ghal xi allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti rizultanti minn dak l-agir;

“Is-socjeta’ esponenti qed tippossjedi l-fond in kwistjoni b’titolu validu fil-ligi, liema titolu gie debitament mghoddi lilha permezz tal-Avviz Legali 211 tal-1998;

“Preliminarjament ukoll ir-rikorrenti ghandhom jaghmlu l-prova tat-titolu li qed jippretendu fuq il-proprjeta’ immobbli in kwistjoni, cioe’ l-fond 18, Railway Avenue, li ghandu bieb iehor numru 4, Maitland Street, Hamrun;

”Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-proprjeta’ in kwistjoni giet rekwizizzjonata fl-interess generali (pubbliku) kif sancit permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan sar fit-termini tal-ligi u r-rikorrenti qed jinghataw id-debitu kumpens spettanti lilhom skond il-ligi fir-rigward tal-okkupazzjoni tal-fond *de quo* da parti tas-socjeta’ esponenti;

“It-trasferiment tal-proprjeta’ rekwizizzjonata a favur tas-socjeta’ esponenti permezz tal-Avviz Legali 211 tal-1998 sar ukoll fl-interess generali (pubbliku) kif sancit permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta u fil-fatt il-fond *de quo* ghadu qed jintuza fl-interess generali (pubbliku);

“It-talba sabiex l-intimati jghaddu l-pussess battal tal-istess proprjeta’ favur ir-rikorrenti hija intempestiva u

kellha ssir permezz ta’ rimedji ordinarji fil-waqt opportun u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba tar-rikorrenti;

“It-talba ghall-hlas ta’ kumpens xieraq ukoll ghandha tigi michuda fil-konfront tal-esponenti stante li kif sueccepiet is-socjeta’ esponenti qieghda tiddetjeni l-proprjeta’ immobiljari mertu ta’ din il-vertenza skond il-kundizzjonijiet imposti fuqha ex lege u entro l-parametri tal-ligi li permezz taghha, l-esponenti tiddetjeni l-fond mertu ta’ din il-kawza, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Ghal dawn ir-ragunijiet kollha u ghal dawk ir-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

“Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li in forza taghha eccepixxa illi:

“1) Preliminarjament, l-esponent certament mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tat-talbiet numru 3 u 4 stante li tali talbiet m’humiex ezegwibbli kontra tieghu.

“2) Preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti jridu jgibu prova tat-titolu taghhom fuq il-proprjeta’ in kwistjoni.

“3) Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-mertu, l-intimat jopponi t-talbiet avvanzati fir-rikors promotur u jirrileva illi ma sehh l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront tar-rikorrenti u dan ghas-segwenti motivi li qeghdin jigu avvanzati minghajr pregudizzju ghal xulxin;

“3.1) Fl-ewwel lok, it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-fond in kwistjoni huwa okkupat mis-socjeta’ Maltapost plc fuq bazi legali ai termini ta’ l-Avviz Legali 211 tas-sena 1998 u ghal ghan legittimu. Fil-fatt l-iskop pubbliku jikkonsisti fil-gestjoni tas-servizz pubbliku essenzjali tal-posta u ghalhekk jissussisti l-interess pubbliku. Inoltre, il-kera li

tithallas hija proporzjonata tenut kont tal-kondizzjoni u tac-cirkostanzi tal-fond lokat.

“3.2) Fit-tieni lok, in kwantu qed jintalab l-izgumbrament, ir-rikors promotur jaqa’ barra l-parametri ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll stante li dak li qeghdin jallegaw ir-rikorrenti, fl-aghar ipotezi jissoleva kwistjonijiet (dibatibbli) ta’ nuqqas ta’ kumpens xieraq u mhux ta’ okkupazzjoni bla titolu jew ta’ nuqqas ta’ skop pubbliku stante li l-iskop pubbliku huwa manifest.

“3.3) Fit-tielet lok, ir-rikorrenti dejjem thallsu u accettaw il-kera minghajr rizerva u ghalhekk mhux il-kaz illi jitolbu xi kumpens, taht liema forma jkun, retroattiv ghaz-zmien meta huma accettaw il-kera minghajr ebda rizerva jew protest stante li dan jikser stat ta’ fatt u ta’ ligi kompjut bejn il-partijiet.

“Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

“Ghaldaqstant, l-esponent ghar-ragunijiet fuq esposti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma jirrizulta ebda ksur ta’ l-Artikoli (1) ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u tal-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem. Bl-ispejjez.

“Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

“Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

“Ikkunsidrat;

“Illi f’din il-kawza, ir-rikorrenti bhala attwali proprjetarji ta’ zewg fondi gewwa l-Hamrun, qed jilmentaw mill-fatt li l-istess proprjeta’, li kienet suggett ta’ Ordni ta’ Rekwizizzjoni li harget fl-1958, ghandha tinghata lura f’idejhom, peress li m’huwiex mehtiega aktar mill-Gvern fl-“interess pubbliku”. Dan qed jinghad ghax filwaqt li r-rekwizizzjoni originali saret biex il-proprjeta’ tintuza bhala

ufficcju tal-posta li dak iz-zmien kien immexxi mill-Gvern, bis-sahha tal-Avviz Legali 211 tal-1998, il-Gvern ghadda l-inkwilinat ta’ din il-proprjeta’ lis-socjeta’ intimata li hija socjeta’ kummercjali indipendenti mill-Istat ta’ Malta. Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll li, f’kull kaz, il-kera attwali ta’ €386.67 fis-sena “hija efimera” u ma tirriflettix il-valur lokatizju veru tal-proprjeta’.

“Bhala fatti, ma hemmx wisq diskordju bejn il-partijiet. Il-fond gie rekwizizzjonat ghal skop pubbliku u precizament biex iservi bhala branch post office. Il-kera giet stabbilita fis-somma ta’ Lm120 fis-sena. Ir-rikorrenti dahlu f’relazzjoni diretta mal-Postmaster General u bdew jaccettaw il-kera. Fl-1986, talbu li l-kera tizdied ghal Lm600 fis-sena izda wara rikors li ressaq il-Postmaster General quddiem il-Bord li jirregola l-Kera, l-istess Bord, b’sentenza tal-15 ta’ Mejju, 1986, stabbilixxa l-kera f’ammont ta’ Lm166 fis-sena, b’effett mill-1 ta’ April, 1986. Ir-rikorrenti baqghu jaccettaw din il-kera l-gdida sal-1995, meta waqfu jaccettaw il-kera wara li semghu li s-servizz tal-posta ma kienx se jithaddem aktar mill-Gvern, izda dan kien se jghaddi l-istess lill-kumpanija privata. Fil-fatt, inholqot il-kumpanija Maltapost, u b’Avviz Legali tal-1 ta’ Mejju, 1998 (nru. 211/98), il-fondi li kienu mizmuma mill-Gvern taht titolu ta’ kera u li kienu qed jintuzaw bhala ufficcju tal-posta, gew moghtija lis-socjeta’ Maltapost plc. Ir-rikorrenti qed jilmentaw mill-fatt li, kif zviluppaw l-affarijiet, huma gew imcahhda mill-proprjeta’ taghhom bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol ghall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u qed jitolbu li jinghataw lura l-proprjeta’ taghhom u li jithallsu kumpens adegwat.

“L-intimati eccepew in linea preliminari li r-rikorrenti jridu, fl-ewwel lok, jippruvaw it-titolu taghhom. Din il-Qorti tirrileva li din l-azzjoni mhix wahda rei vindicatoria, u kwindi mhux mehtieg il-prova diabolica ta’ titolu originali. Hu bizzejjed li r-rikorrenti juru interess guridiku fl-esitu ta’ din il-kawza. Il-Qorti qieset li s-socjeta’ intimata Maltapost plc tirrikonoxxi li hi tikri din il-proprjeta’ minghand ir-rikorrenti, u dan jirrizulta mill-proceduri li hi stess fethet kontra l-awtur tar-rikorrenti quddiem il-Bord li jirregola l-

Kera, u mill-hlas regolari tal-kera indirizzat lill-istess missier ir-rikorrenti. Oltre dan, il-Qorti ezaminat il-kuntratti u d-dokumenti l-ohra annessi mal-affidavit li ressaq ir-rikorrent Victor Gatt, u hi tal-fehma li r-rikorrenti urew ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, it-titolu ta' proprjeta' fuq il-fond in kwistjoni.

"Ghar-rigward l-iskop pubbliku tar-rekwizizzjoni u d-detenzjoni tal-fond, din il-Qorti tara li ghalkemm is-servizz tal-posta llum qieghed jitmexxa minn kumpanija kummercjali, dan ma jtellifx l-"interess" tal-pubbliku fl-uzu kontinwu tal-proprjeta'. Din il-Qorti tara li dan l-istess punt gie diskuss mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Frendo Randon et vs Kummissarju tal-Art", deciza fl-10 ta' Lulju, 2009. Dik il-Qorti trattat dan il-punt bil-mod li gej:

"*Fit-tieni aggravju taghhom, ir-rikorrenti appellanti jissottomettu illi ladarba parti mill-artijiet li gew zviluppati gew mikrija lil terzi fis-settur privat, m'ghadux gustifikabbli fl-interess pubbliku li l-esproprju jigi konkluz fit-termini originali tieghu, u l-art tista' tigi restitwita lis-sidien taghha kif soggetta ghall-kirja prezenti, versu hlas tal-kera li jkun proporzjonat ghall-valur attwali ta' l-art, eskluzi l-benefikati, kif jikkontempla l-istess Kap. 88.*

"*Dan l-ilment jincidi fuq il-kwistjoni ta' x'jikkostitwixxi "interess pubbliku", u jekk il-fatt li terz privat ikun b'xi mod se jibbenifika mill-esproprju, jinnewtralizzax dan il-kuncett. Kien gie affermat minn din il-Qorti (fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg) fil-kawza* ***Tarcisio Borg v. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent et****, deciza fit-28 ta' Jannar 2008, l-interess pubbliku qatt ma jista' jirreferi ghall-interess essenzjalment privat. L-interess huwa dejjem privat meta ma ghandux applikazzjoni ghall-generalita' tac-cittadini, ta' l-universalita' tal-pubbliku fl-Istat. Mill-banda l-ohra, pero', il-fatt li terz privat, individwu, jibbenefika ukoll mill-esproprjazzjoni, jew ikun involut b'xi mod fit-thaddim, anke jekk bi profitt ghalih, ta' progett li jkun fl-interess pubbliku u li jkun jirrikjedi esproprjazzjoni ta' art jew possediment iehor, ma jfissirx necessarjament li dik l-esproprjazzjoni ma tkunx saret fl-interess pubbliku.*"

"*Fil-kaz* ***James and others v. The United Kingdom****, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruhha hekk: "... ... a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be 'in the public interest'. Nonetheless, the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest ... a taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other polices may be 'in the public interest', even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken ... ... Furthermore, the notion of 'public interest' is necessarily extensive. In particular, as the Commission noted, the decision to enact laws expropriating property will commonly involve considerations of political, economic and social issues on which opinion within a democratic society may reasonably differ widely. The Court finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgement as to what is 'in the public interest' unless that judgement be manifestly without reasonable foundation".*

"*Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, huwa ovvju li dan l-aggravju ma jistax jigi milqugh. Huwa logiku li l-implimentazzjoni ta' progett ta' tali importanza stategika u ekonomika ghall-pajjiz bhalma hu l-Freeport, trid issir ghall-inqas inizjalment mill-Istat u dan anke permezz ta' esproprjazzjoni ta' art, fejn hu necessarju. Pero', dan ma jfissirx li ladarba l-Gvern hass li l-progett tal-Freeport kien gie varat u avvjat bizzejjed, ma jistax jipprivattizzah u/jew jghaddi l-gestjoni tieghu lil terz fil-privat, kif fil-fatt jirrizulta li sar. Din il-privatizzazzjoni bl-ebda mod ma xxellef mill-"interess pubbliku" tal-progett. Il-Gvern xorta se jkompli jdahhal renta konsiderevoli li tizdied kull sena minghand it-terz. Fil-fatt fl-ahhar tat-tletin sena kirja, il-Gvern se jkun dahhal $331 miljun. Jirrizulta li d-dhul dirett mix-xoghol tal-Freeport ghall-azjendi li joperaw go fih ilahhqu ghal madwar Lm21 miljun fis-sena. Hemm mijiet ta' nies impjegati ma' azjendi li jahdmu direttament jew*

*indirettament fix-xoghol tal-Freeport. Il-Gvern ser idahhal dhul f'forma ta' taxxi minn fuq id-dhul ta' dawn l-impjegati kollha, kif ukoll dhul fil-forma tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) fuq ix-xiri u konsum ta' prodotti u servizzi mill-impjegati u minn kumpaniji ohra. Dan apparti d-dhul fuq is-sisa u dazju minn fuq il-bejgh ta' fuel ghall-ingenji, apparti energija elettrika.*

"*Il-fatti fis-sentenza* ***Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonnici Ghaxaq v. L-Avukat Generali et*** *deciza fit-8 ta' Frar 2007 minn din il-Qorti, li ghaliha jaghmlu riferenza r-rikorrenti appellanti, kienu jikkoncernaw it-tehid ta' proprjeta' ghall-pussess u uzu, li min-natura tieghu, huwa intiz bhala mizura temporanja, u mhux akkwist ta' art b'xiri assolut bhal fil-kaz odjern. Inoltre, f'dak il-kaz, l-art li ttiehdet kienet qieghda tintuza biex tiffinanza attivitajiet kulturali principalment ta' natura privata, u ma kinitx qed tintuza ghal xi progett ekonomiku ta' importanza strategika nazzjonali bhal fil-kaz odjern*."

"Anke f'dan il-kaz, din il-Qorti tara li l-privatizzazzjoni li saret tas-servizz postali bl-ebda mod ma xxellef mill-"interess pubbliku" tal-progett. L-interess pubbliku hu marbut mal-finalita' ahharija li ghaliha l-proprjeta' tkun qed tintuza. Fil-kawza "Cutajar noe vs Kummissarju tal-Art et", deciza mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru 2001, kien gia' gie abbraccjat dan il-principju meta gie ikkunsidrat li:

"*Ma jista' jkun hemm assolutament l-ebda dubju li l-operazzjoni u t-tmexxija ta' sptar privat, anke jekk immexxi fuq linji kummercjali, ghandha kontenut socjali qawwi in kwantu tali servizz ta' kura jifforma parti mill-infrastruttura ta' kura accessibbli ghall-pubbliku in generali. Dan jakkwista aktar sinifikat f'cirkostanzi fejn l-Istat – kif hu pacifiku li sehh fiz-zmien rilevanti – jadotta politika li jiffavorixxi l-partecipazzjoni tal-privat biex jipprovdi facilitajiet ta' kura alternattivi ghal dawk ta' l-Isptarijiet pubblici. Ma kien hemm allura l-ebda dubju illi l-fatt li kien ser jigi zviluppat Sptar privat kien fih innifsu zvilupp ta' interess pubbliku*."

"Ir-rekwizizzjoni u l-uzu li qed issir mis-socjeta' kummercjali manifestament kellha applikazzjoni ta' beneficcju ghall-kolletivita', u mhux fl-interess purament privat. Fil-kawza "Abdilla v. Onor. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent u Artijiet et", l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Mejju 2003, ikkwotat s-sentenza taghha [diversament komposta] tat-30 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet "**Cutajar noe v. Il-Kummissarju ta' l-Art et**" fejn kienet qalet:

"*Il-Qorti Ewropea fir-rigward tas-sinjifikat tat-terminu "the public interest" fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, irriteniet illi "a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless, the compulsory transfer of property from one individual to another may, "depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest". Din l-enuncjazzjoni ta' principju fil-kawza James and others (1986) giet ulterjorment elaborata fl-istess gudizzju hekk: "The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken*."

"L-assenjazzjoni tal-kirja ma saritx biex takkomoda l-interess ta' terz privat, izda l-iskop kien u baqa' wiehed fl-interess tal-generalita' tal-pubbliku. Kwindi, id-deprivazzjoni li qed isofri r-rikorrent, hija koperta bil-proviso ghall-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, peress li r-rekwizizzjoni tal-proprjeta' saret fl-"interess pubbliku", u dak l-iskop baqa' jissustixxi meta l-kirja tal-proprjeta' giet vestita fil-kumpanija intimata. Bis-sahha tal-ordni ta' rekwizizzjoni, is-sid gie dispossessat mill-fond, b'mod illi, minn mindu ssir u sakemm tibqa' ssehh ir-rekwizizzjoni, il-pussess tal-fond u d-disponibilita' ta' dak il-pussess ma hux aktar f'idejn is-sid izda f'idejn l-awtorita' rekwizizzjonanti (ara "Cassar v. Zammit", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju, 1959), izda f'dan il-kaz dan sar fl-interess tal-pubbliku u hekk ghadu jsir mill-proprjeta' sal-lum.

“Dan ma jfissirx li l-kaz ghandu jieqaf hawn. Wiehed irid issa jara jekk din ir-rekwizizzjoni, ancorche’ saret fl-interess pubbliku, sehhitx b’mod li, min-naha l-ohra, tikkawtela d-drittijiet tas-sidien.

“Fil-fatt, fil-ktieb “Law of the European Convention on Human Rights” ta’ Harris O’Boyle u Warbrick (Butterworths Ed. 1995) jinghad hekk (pagna 516 et seq.):

“*The three sentences in Article 1 of the First Protocol will henceforth be referred to as Article 1/1/1, Article 1/1/2 and Article 1/2. It follows from the above passage that Article 1/1/1 is not only a statement of principle. It also provides a third, seperate basis for regulating interferences with the “peaceful enjoyment of possessions” that do not qualify as a deprivation of a person’s possessions subject to Article 1/1/2 or a control of the use of property subject to Article 1/2. For example, in the Sporrong and Lonnroth case itself, the Court found that the grant of expropriation permits, which did not fall under Article 1/1/2 or 1/2, was subject to control under Article 1/1/1 as an interference with the peaceful enjoyment of the houses concerned. When considering whether Article 1/1/1 has been complied with, the court applies a “fair balance” test. In the Sporrong and Lonnroth case, the Court stated: “For the purposes of [Article 1/1/1].....the Court must determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual’s fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1*.” (op. cit., pp. 521, 522).

“Il-htiega ta’ proporzjonalita’ – “the requirement of proportionality between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual’s fundamental rights” – giet ricentement asserita mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “Bugeja et v. Avukat Generali et” deciza fis-7 ta’ Dicembru, 2009.

“Hawnhekk, din il-Qorti taghmel referenza ghall-kaz “Fleri Soler et v. Malta”, deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-26 ta’ Settembru, 2006. F’dik il-kawza, li ukoll kienet titratta materja ta’ rekwizizzjoni, wara li gie stabbilit li din l-ordni kienet inharget fl-interess tal-pubbliku, kompla jintqal hekk:

“*68. Not only must an interference with the right of property pursue, on the facts as well as in principle, a “legitimate aim” in the “general interest”, but there must also be a reasonable relation of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measures applied by the State, including measures designed to control the use of the individual’s property. That requirement is expressed by the notion of a “fair balance” that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual’s fundamental rights*.”

“F’dak il-kaz, dik il-Qorti kompliet tespandi fuq il-fatt li l-kera li kien intitolat ghaliha s-sid tant kienet baxxa, li ma kienx jirrizulta li sehh “a fair balance” bejn l-interessi tal-pubbliku u tal-privat. Intqal a propozitu,

“*74. Even assuming that the applicants were not made to cover the costs of extraordinary maintenance and repairs of the building, as required by law, the Court cannot but note that the sums at issue – amounting to less than 7 EUR per month until 1988 and to less than EUR 58 per month from 1989 onwards – are extremely low and could hardly be seen as a fair compensation for the use of a building which was big enough to allocate public offices and an entire government department. The Court is not convinced that the interests of the landlords, “including their entitlement to derive profits from their property” (see* Hutten-Czapska*, cited above, § 239), have been met by restricting the owners to such extremely low returns. It has not been shown by the Government to the Court’s satisfaction that in the particular circumstances of their case, the applicants had at their disposal effective remedies capable of redressing the above-mentioned situation*.”

“Fil-kaz ta’ llum, il-kera attwali hi ta’ €32.22 fix-xahar, meta hu stmat li llum il-valur lokatizzju tal-fondi hu ta’ madwar €900 fix-xahar!

“Fl-ahhar parti tas-sentenza taghha, l-imsemmija Qorti Ewropea stabbilit li:

“*The prolongation of the requisition over a period of decades, coupled with the low level of rent and the absence of sufficient procedural safeguards has, after a certain lapse of time, upset the reasonable relation of proportionality which should subsist between the means employed and the aim sought to be achieved*”.

“Ghall-istess konkluzjoni qed tasal din il-Qorti f’dan il-kaz.

“Raggunta din il-konkluzjoni, din il-Qorti trid issa tara x’tip ta’ “just satisfaction” fit-termini tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni sejra toffri lir-rikorrenti. Stante l-fatt li l-proprjeta’ ghadha qed tintuza bhala ufficju tal-posta fl-interess pubbliku, din il-Qorti ma tarax li ghandha tipprovdi ghat-thassir tal-ordni tar-rekwizizzjoni u/jew ghar-ritorn tal-proprjeta’ lis-sidien rikorrenti, u tara li minflok, ghandha tordna kumpens pekunjarju biex jaghmel tajjeb ghall-fatt li r-rikorrenti gew mcahhda minn kumpens adegwat ghal snin twal. Din il-Qorti kkunsidrat ukoll li sal-1994, ir-rikorrenti baqghu jircievu l-kera minghajr ilment (id-dritt ta’ petizzjoni individwali ghall-Qorti Ewropea kien inghata lil kull cittadin Malti fl-1987), u ghalkemm waqfu jiehdu l-kera fl-1995, kien biss fl-2009 li istitwew dawn il-proceduri ghar-ridress. Din il-Qorti tara li ghandha tikkalkula telf ta’ renti fuq perjodu ta’ 10 snin, u meta tqis telf annwali avreage ta’ cirka €6000, tiddeciedi li r-rikorrenti ghandhom jinghataw €60,000 bhala kumpens.

“Dan il-kumpens ghandu jithallas nofs kull wiehed miz-zewg intimati, peress li kien il-Gvern li halla din is-sitwazzjoni prekarja tiperdura ghal snin twal minhabba l-ligijiet tal-kera xejn kunducenti ghall-hlas ta’ kera gusta, u kienet is-socjeta’ Maltapost plc li accettat u gawdiet minn din is-sitwazzjoni. Bil-pozizzjoni kif inhi llum, din il-Qorti

tara li, b'dan il-mod, ikun qed jinghata "just satisfaction" lir-rikorrenti ghal-lezjoni li soffrew fid-drittijiet taghhom.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi fuq it-talbiet tar-rikorrenti billi tilqa' l-ewwel talba, tichad it-tieni u t-tielet talba, izda tilqa' r-raba' talba u tordna lill-intimati sabiex, f'sehem ta' nofs kulwiehed, ihallsu t-total ta' €60,000 lir-rikorrenti bhala kumpens ghal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu terz (1/3) mir-rikorrenti u zewg terzi (2/3) mill-intimati in solidum."

**Rikors tal-appell tal-Avukat Generali**

L-Avukat Generali hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel Qorti u interpona appell minnha b'dawn l-aggravji.

1. Illi l-fond in kwistjoni m'huwiex fond li huwa detenut mill-inkwilin in forza ta' ordni ta' rekwizizzjoni izda huwa fond detenut in forza ta' kirja ordinarja fejn ir-rikorrenti rrikonoxxew lill-inkwilin.

2. Il-mod kif gie valutat il-valur lokatizzju tal-fond in kwistjoni m'huwiex realistiku. L-istimi li saru huma gholjin ghal bini antik fil-parti residenzjali tal-Hamrun.

Ghaldaqstant l-appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dawk il-partijiet fejn cahdet it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti u fejn iddecidiet illi terz tal-ispejjez ghandhom jithallsu mir-rikorrenti, thassarha fil-kumplament taghha u minflok tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**Rikors tal-appell ta' Victor Gatt et**

Ir-rikorrenti Victor Gatt et appellaw ukoll mis-sentenza tal-ewwel Qorti b'dawn l-aggravji.

1. Fl-ewwel lok l-appellanti ma jaqblux mal-likwidazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti fuq zewg aspetti billi: (i) hemm zball fil-kalkolu tal-*average annual rental value* ta' circa €6,000, meta fil-fatt, mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku, jirrizulta li l-*average annual rental value* huwa ta' €8,698 fis-sena u (ii) il-kalkolu kellu jkun abbazi ta' 12-il sena (mill-1998[1]) u mhux 10 snin kif ikkalkolat l-ewwel Qorti.

2. Fit-tieni lok meta l-Gvern iddecieda li jipprivatizza l-posta, f'dak il-mument il-proprjeta` messha inghatat lura lilhom. Il-kumpanija Maltapost ghandha hafna sahha finanzjarja u ma kien hemm xejn xi jzommha milli tfittex fis-suq proprjeta` alternattiva biex taqdi l-funzjonijiet taghha u mhux tistenna lir-rikorrenti li jissussidjawha.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi zzid il-kumpens likwidat fir-rigward tar-raba' talba taghhom ghal ammont korrett li jirrifletti l-*average rental value* ghall-medda ta' tnax-il sena, tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet u talloka l-ispejjez kollha tal-Prim Istanza kif ukoll tal-prezenti appell lill-intimati appellati.

**Appell Incidentali ta' MaltaPost p.l.c.**

Is-socjeta` intimata MaltaPost plc appellat incidentalment mis-sentenza surriferita. In succint l-aggravji taghha huma s-segwenti:

1. L-ewwel Qorti ma kellhiex issib ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrenti billi r-rikorrenti mill-bidu tar-rekwizizzjoni tal-fond sal-1995 baqghu jaccettaw il-kera u ssottomettew lilhom infushom ghall-gudizzju tal-Bord li jirregola l-Kera.

2. Illi jekk inkisru xi drittijiet tar-rikorrenti huwa biss tort tal-ordinament guridiku impost mill-Gvern, cioe` bl-ordni ta' rekwizzjoni, u mhux tort tas-socjeta` MaltaPost.

[1] Meta giet privatizzata.

3. Il-kumpens moghti mill-ewwel Qorti kien wiehed eccessiv. Din fixklet il-kuncett ta’ kumpens ghall-ksur ta’ dritt fundamentali protett mill-Kostituzzjoni u Konvenzjoni mal-kuncett ta’ danni civili.

4. Is-socjeta` MaltaPost qatt ma kellha tehel l-ispejjez tal-kawza.

Is-socjeta` MaltaPost plc ghalhekk talbet li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell interpost mir-rikorrenti appellanti u tirriforma s-sentenza sureferita billi tikkonfermaha fejn cahdet it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti u tichad l-ewwel u raba’ talbiet tar-rikorrenti u t-talba taghhom ghall-ispejjez. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

**Risposti**

Il-kontendenti ressqu r-risposti taghhom, u ghar-ragunijiet minnhom individwalment sollevati fir-risposti rispettivi taghhom, qablu li l-aggravji mressqa mill-parti l-ohra huma kollha nfondati u l-appelli ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

**Fatti**

F’din il-kawza r-rikorrenti qed jilmentaw li l-proprjeta` taghhom, li kienet suggetta ghal Ordni ta’ Rekwizizzjoni li harget fl-1958, ghandha tinghata lura lilhom, peress li mhux mehtiega aktar mill-Gvern fl- “interess pubbliku”. Huma qed jitolbu dikjarazzjoni li z-zamma tal-proprjeta` taghhom minn Maltapost plc tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom kif sanciti mill-Artikolu 1 Protokoll 1 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

Mis-sentenza tal-ewwel Qorti appellaw il-partijiet kollha. Il-MaltaPost appellat ukoll incidentalment.

Ir-rikorrenti jilmentaw li meta l-Posta giet privatizzata ma’ baqax aktar l-‘interess pubbliku’ li kien hemm qabel meta kienet immexxija mill-Gvern u l-post kien rekwizizzjonat

ghal dak l-iskop. L-intimati min-naha l-ohra jsostnu li hawn si tratta ta' kirja miftehma volontarjament bejn il-partijiet sabiex il-fond jintuza bhala ufficcju tal-posta u ghalhekk ir-rikorrenti m'ghandhomx minn xiex jilmentaw. Il-partijiet kollha appellaw ukoll billi ma qablux mar-rimedju li tat l-ewwel Qorti.

**Rekwizizzjoni u Interess pubbliku**

Ir-rikorrenti appellanti ssollevaw ilment taghhom dwar in-nuqqas ta' interess pubbliku meta fit-tieni aggravju taghhom huma ssottomettew li ladarba l-Gvern iddecieda li jipprivatizza l-posta, f'dak il-mument gie nieqes l-interess pubbliku u ghalhekk l-ewwel Qorti messha ordnat li l-proprjeta` tinghatha lura lilhom.

L-ewwel Qorti ddecidiet li r-rekwizizzjoni saret fl-interess pubbliku u dak l-iskop baqa' jissussisti anke meta l-proprjeta` ghaddiet ghand il-kumpanija intimata MaltaPost plc.

Il-Qorti Ewropea, fil-kaz **James and others v. UK** (1986) enuncjat il-principju illi, fir-rigward tas-sinjifikat tat-terminu "the public interest" fl-ewwel artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, *"a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless, the compulsory transfer of property from one individual to another may, "depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest".* Il-Qorti kompliet tghid ukoll fl-istess sentenza li: *"The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken"* (ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti [diversament komposta] tat-30 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet **Cutajar noe v. Il-Kummissarju tal-Art et**.

F'dan il-kaz m'hijiex kwistjoni ta' tehid ta' proprjeta` imma ta' kontroll u uzu ta' proprjeta` imma l-istess principju dwar l-interess pubbliku japplika. It-test biex wiehed jara jekk

hemmx l-“interess pubbliku” f’kaz ta’ uzu u kontroll tal-proprjeta` huwa wkoll il-finalita` ahharija li ghaliha l-proprjeta` tkun qed tintuza.

Fil-kaz in ezami meta nharget ir-rekwizizzjoni fl-1958 l-iskop kien biex jinghata servizz tal-posta mill-Gvern fl-interess tal-pubbliku in generali. Dan l-iskop baqa’ l-istess anke meta fl-1998 l-inkwilinat ghadda minghand il-Gvern ghal ghand is-socjeta` intimata MaltaPost. Avolja din kienet socjeta` kummercjali, l-interess ma kienx purament privat imma l-MaltaPost giet marbuta li tkompli taghti s-servizz tal-posta u serivizzi ohra relatati a beneficcju tal-kollettivita` kif kien isir qabel, indipendentement jekk taghmilx profitt jew le. Ghalhekk jekk uzu huwiex fl-interess generali ma jiddependix fuq jekk is-servizz jinghatax mill-Gvern jew minn xi kumpanija privata. Dak li jghodd huwa l-iskop ahhari li ghalih il-proprjeta` tkun qed tintuza. Lanqas ma huwa determinanti l-fatt li l-kumpanija privata li qed taghti dak is-servizz pubbliku taghmilx profitt jew le. Is-socjeta` intimata hi marbuta li tipprovdi servizz tal-posta b’licenzja minghand l-Awtorita` ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni u bl-Avviz legali 211/98 giet garantita l-kontinwita` ta’ dak is-servizz li qabel kien jinghata mill-Gvern.

Illi r-rekwizizzjoni f’dan il-kaz kienet wahda legali u kellha skop legittimu. Japplika ghalhekk l-proviso tal-Arikolu 1 tal-ewwel Protokoll.

Jekk rilevat f’dan l-istadju li l-ewwel Qorti sabet lezjoni mhux ghax ir-rekwizizzjoni ma kenitx legali jew ghax ma kienx hemm skop legittimu, imma ghax ma nzammx bilanc bejn interess pubbliku u l-interess tas-sidien ghall-proprjeta` u r-rikorrenti gew imcahhda minn kumpens adegwat ghal snin twal.

L-aggravju tar-rikorrenti appellanti f’dan ir-rigward qed jigi michud.

**Kirja miftehma volontarjament**

L-intimati Avukat Generali u l-MaltaPost jilmentaw li f'dan il-kaz hemm kirja miftehma volontarjament biex il-fond in kwistjoni jintuza bhala ufficcju tal-posta u s-sidien kienu kuntenti bl-inkwilinat u l-kera gie accettat mir-rikorrenti mill-1958 sal-1995. Meta s-sidien riedu jawmentaw il-kera huma marru quddiem il-Bord li jirregola l-Kera u ottjenew ukoll awment tal-kera.

Illi skont il-ligi meta tinhareg rekwizizzjoni s-sid jitlef il-pussess tal-proprjeta` tieghu u ma jkollux ghazla vera u libera dwar min se jkun l-inkwilin, kemm ser tkun ir-rata tal-kera u t-tul taz-zmien tal-istess kirja. Ghalhekk f'dan il-kaz ma jistax jinghad li l-kirja kienet giet volontarjament miftehma izda jirrizulta li l-kirja giet imposta fuq ir-rikorrenti bhala s-sidien. Kif qalet il-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz **Fleri Soler and Camilleri v. Malta (App.No: 35349/05)** deciza fis-26 ta' Settembru 2006:

"The Court notes that a requisition order imposes on the owner of the premises a landlord-tenant relationship (see paragraph 25 above). While this can be seen as creating a quasi-lease agreement between a landlord and a tenant, landlords have little or no influence on the choice of the tenant or the essential elements of such an agreement (see, *mutatis mutandis*, *Hutten-Czapska*, cited above, § 196). This is especially so in the present case, where the building was occupied by the Government and the applicants had little or no chance to obtain the restitution of the property". (para 72).

Dan l-aggravju tal-intimati appellanti qed jigi michud

**Rimedju**

*Kumpens pekunjarju*

L-ewwel Qorti ddecidiet li f'dan il-kaz li kien hemm lezjoni billi ma kienx inzamm 'fair balance' bejn l-interess kollettiv u d-dritt fundamentali tas-sidien ghal dgawdija tal-proprjeta`. Hi qieset li ma kienx hemm proporzjon bejn il-kera attwali ta' €32.22 fix-xahar u l-valur lokatizzju stmat tal-fondi ta' madwar €900 fix-xahar. L-ewwel Qorti

kkalkolat telf ta’ renti fuq perjodu ta’ 10 snin u meta qieset it-telf annwali *average* ta’ circa €6,000 iddecidiet li r-rikorrenti ghandhom jinghataw kumpens ta’ €60,000.

L-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni li sal-1994 ir-rikorrenti baqghu jircievu l-kera minghajr ilment, li d-dritt ta’ petizzjoni individwali ghall-Qorti Ewropeja kien inghata lil kull cittadin Malti fl-1987 u li ghalkemm ir-rikorrenti waqfu jiehdu l-kera fl-1995, kien biss fl-2009 li istitwew dawn il-proceduri ghar-ridress.

Il-partijiet mhux qed jaqblu dwar il-kumpens moghti mill-ewwel Qorti.

Ir-rikorrenti jsostnu li (i) hemm zball fil-kalkolu tal-*average annual rental value* ta’ circa €6,000, meta, mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku, jirrizulta li l-*average annual rental value* huwa ta’ €8,698 fis-sena u (ii) l-kalkolu kellu jkun abbazi ta’ 12-il sena (mill-1998) u mhux ta’ 10 snin.

Min-naha l-ohra l-intimati wiegbu li l-mod kif gie valutat il-valur lokatizzju tal-fond mill-perit tekniku mhux realistiku u huwa eccessiv minhabba r-ragunijiet imsemmija fl-appelli u fir-risposti taghhom u fost ir-ragunijiet li semmew hemm li l-Perit tekniku ghamel stima tal-fond bhallikieku zewg fondi u meta dan il-fond kien wiehed antik u mhux f’zona kummercjali imma f’wahda residenzjali.

Inoltre s-socjeta` intimata MaltaPost tikkontendi li r-rikorrenti qed ifixklu l-kuncett ta’ kumpens ghall-ksur ta’ dritt fundamentali mal-kuncett ta’ danni civili.

Illi skont l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:

“If the Court finds that a decision or a measure taken by a legal authority or any other authority of a High Contracting Party, is completely or partially in conflict with the obligations arising from the present convention, and if the internal law of the said Party allows only partial reparation to be made for the consequences of this decision or

measure, the decision of the Court shall, if necessary, afford just satisfaction to the injured party".

Dwar *just satisfaction,* ir-regola hija li meta l-Qorti ssib li hemm vjolazzjoni, sa fejn hu possibbli, l-istat ghandu jipprovdi ghal *restitutio in integrum.* Meta dan ma jkunx possibbli jew inkella jkun biss parzjalment possibili l-Qorti ghandha taghti *just satisfaction.* Id-decizjoni li d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni wahedha tkun bizzejjed hija l-eccezzjoni u ghandha tkun riservata ghal kazijiet fejn hemm rimedju jew konsegwenzi huma zghar. Fil-kazijiet l-ohra fejn il-lezjoni hija aktar serja l-Qorti ghandha taghti kumpens pekunjarju ghal dik il-vjolazzjoni. Hu biss recentement li l-Qorti ta' Strasbourg bdiet tindika f'certi kazijiet forom specifici ta' riparazzjoni bhall-bdil fil-ligi.

Kif inghad fis-sentenza **Amato Gauci v. Malta** deciza fil-15 ta' Settembru 2009, "Under Article 41 of the Convention the purpose of awarding sums by way of just satisfaction is to provide reparation solely for damage suffered by those concerned to the extent that such events constitute a consequence of the violation that cannot otherwise be remedied (*ibid.,* § 249). It is therefore not for the Court to quantify the amount of rent due in the future" ( para 80).

Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti ma akkordatx kumpens ezattament ekwivalenti ghall-valur lokatizzju stabbilit mill-perit tekniku. Fuq dan jaqblu kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimati ghalkemm ghal ragunijiet differenti.

L-ewwel Qorti ma akkordatx il-kumpens ghal danni civili sofferti mir-rikorrenti imma llikwidat kumpens bhala riparazzjoni ghal ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent li ma rcevewx kera adegwat ghal snin twal. Il-Qorti ghamlet dan wara li hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi gia` msemmija. Hi ma kienitx qeghdha tillikwida dan il-kumpens a bazi ta' xi kalkolu matematiku preciz ta' valur lokatizzju imma dak il-kumpens kien intiz biex ikun 'reasonably related' mal-lezjoni li garrbu r-rikorrenti u dan f'termini ta' flus.

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ammont akkordat mill-ewwel Qorti ghandu jibqa’.

*Zgumbrament* –

Kif gia` inghad ir-rikorrenti jilmentaw li meta l-Gvern iddecieda li jipprivatizza l-posta, f’dak il-mument il-proprjeta` messha nghatat lura lilhom.

L-ewwel Qorti ddecidiet li stante l-fatt li l-proprjeta` ghadha qed tintuza bhala ufficcju tal-posta fl-interess pubbliku, hi ma kienitx se tipprovdi ghat-thassir tal-ordni tar-rekwizzjoni u/jew ghar-ritorn tal-proprjeta` lis-sidien.

Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li f’dan il-kaz kellu jinghata biss kumpens pekunjarju u li l-proprjeta` ma kellhiex tigi ritornata lis-sidien. L-ewwelnett ir-rekwizizzjoni harget abbazi tal-ligi kif ukoll li sallum hi ghadha in vigore. Fit-tieni lok kif qalet l-ewwel Qorti l-post ghadu jintuza bhala ufficju tal-posta u l-interess pubbliku ghadu jissussisti. Jigi notat finalment li llum-il gurnata r-rikorrenti ser igawdu mir-riformi li dahlu recentement bl-Att II tal-2009 u hemm possibbilta` reali li fil-futur qarib il-post ikun jista’ jerga’ jigi fil-pussess tar-rikorrenti.

**Aggravju ta’ MaltaPost dwar Solidarjeta`**

Is-socjeta` appellanti MaltaPost tilmenta wkoll mill-fatt li hija ma kellhiex tinzamm responsabbili solidarjament mal-intimat l-iehor ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Hi ssostni li dak li gara kien biss tort tal-ordinament guridiku tal-pajjiz cioe` l-ordni ta’ rekwizizzjoni li harget. Tghid ukoll li lanqas ma kellha tehel l-ispejjez tal-kawza.

L-ewwel Qorti ddecidiet li s-socjeta` intimata MaltaPost ghandha wkoll responsabbilta` billi hija accettat u gawdiet minn dik is-sitwazzjoni prekarja li pperdurat ghal snin twal minhabba l-ligijiet tal-kera xejn konducenti ghal kera gusta.

Illi din il-Qorti issib li l-aggravju tas-socjeta` intimata ghandu certu mertu. Din il-Qorti diga` sabet li r-rekwizizzjoni kienet wahda skont il-ligi, kellha skop legittimu u li kien hemm interess pubbliku kemm meta l-Posta kienet immexxija mill-Gvern kif ukoll meta din ghaddiet f'idejn il-MaltaPost. Fil-fehma ta' din il-Qorti MaltaPost kienet gustifikata li tahseb li meta hadet is-servizz tal-Posta f'idejha, kollox kien qed isir skont il-ligi u li l-fond in kwistjoni kien fil-pussess u kontroll tal-Awtorita` kompetenti skont il-ligijiet tal-pajjiz. Ma kellhiex tissoponi li l-fond rekwizizzjonat ma kienx ghand il-Gvern skont l-ordinament guridiku tal-pajjiz. Hu principalment l-obbligu tal-istat, u mhux tal-inkwilin, li jassigura li d-drittijiet fundamentali tac-cittadini ma jinkisrux. Mhux l-obbligu ta' inkwilin li jara li l-ligijiet tal-pajjiz ikunu konducenti ghal sistema gusta ta' kera.

Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi milqugh.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appelli tar-rikorrenti u tal-intimat Avukat Generali, filwaqt li tilqa' l-appell ta' MaltaPost limitatament ghad-dikjarazzjoni li huma m'humiex solidarjament responsabbli mal-intimat l-iehor ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u hlas ta' kumpens u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata filwaqt li tikkonfermaha fil-kumplament.

L-ispejjez (inkluzi dawk ta' MaltaPost) kemm dawk quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll dawk tal-Appell jithallsu kwantu ghal terz mir-rikorrenti u zewg terzi mill-intimat Avukat Generali.

Albert J.Magri
(Agent President)

Geoffrey Valenzia
Imhallef

Giannino Caruana Demajo
Imhallef

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------